# IL-QUDDIESA TAL-ĦADD

Nhar il-festa ta' San Pietru u San Pawl li għadda, il-Papa Franġisku ħareġ dak li hu sejħilha meditazzjoni fuq il-liturġija. F'din l-ittra ta' 30 paġna, il-Papa jitkellem ukoll fuq il-quddiesa. Se ngħaddilkom xi ħsibijiet minn tal-Papa:

⇒ "Il-liturġija hija fundamentali għall-ħajja tal-Knisja";

⇒ Mill-bidu tal-Knisja, il-laqgħa tagħna mal-kelmiet u l-azzjonijiet ta' Kristu, jibqgħu jsiru "fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti";

⇒ Biex ċelebrazzjoni liturġika ssir sewwa rridu nagħtu attenzjoni lil kull aspett tagħha: "spazju, ħin, ġesti, kliem, oġġetti, ilbies, il-kant, il-mużika";

⇒ "L-ewwel dmir tagħna lejn Alla hu t-talb li nagħmlulu";

⇒ "Nistedinkom biex mill-ġdid tiskopru xi jfisser jum il-Mulej";

⇒ "Il-Jum tal-Ħadd qabel ma hu obbligu huwa rigal li Alla jagħti lill-poplu tiegħu".



***L-Arċipriet***

***Twentieth Sunday in Ordinary Time (Year C) - 14th August 2022***

Jesus said to his disciples: "I have come to set the earth on fire, and how I wish it were already blazing!" Luke 12:49

Jn 10:27

R. **Alleluia, alleluia.**

My sheep hear my voice, says the Lord;

I know them, and they follow me.

R. **Alleluia, alleluia.**






**NIFIRĦU LIL JAMIE BUTTIGIEG**, żagħżugħ mill-parroċċa tagħna, li f'Ottubru li ġej ser jibda s-sena propedewtika bħala parti mill-formazzjoni fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Filwaqt li nifirħulu, inwegħduh it-talb kontinwu tagħna biex il-Mulej jagħtih is-saħħa u l-kuraġġ biex jimxi 'l quddiem u jwieġeb kontinwament għas-sejħa tiegħU.

Flimkien ma' Jamie, is-sena propedewtika se jibdieha wkoll Jeremy Scicluna mill-parroċċa tal-Katidral. Nitolbu għalih.

**AVVIŻI:**

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 17 ta' Awwissu, fis-6:15pm fil-Knisja Bażilika. Fiha Dun Anton Grech, saċerdot missjunarju fil-Gwatemala li bħalissa jinsab fostna għall-btala qasira, se jaqsam magħna l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel Attard. Kulħadd huwa mistieden. Bħas-soltu l-laqgħa tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive.* Waqt il-laqgħa se ssir ġabra speċjali għall-missjoni ta' Fr Anton fil-Gwatemala. Inħeġġukom tkunu ġenerużi.

**QUDDIESA FIL-BERAĦ: IMMORRU GĦAND ĠESÙ PERMEZZ TA' MARIJA:** nhar it-Tnejn 22 ta' Awwissu, fit-8:00pm, fi Triq it-Tramuntana quddiem il-Madonna tal-Midalja Mirakoluża. Iċ-ċelebrant se jkun Kan. Dun Reuben Micallef, Viċi Parroku. Tingħata tifkira tal-okkażjoni. Kulħadd huwa mistieden biex jattendi.

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** se torganizza tombla ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Awwissu, fis-7:30pm. L-aħħar tombla se tkun €1,000. Trasport provdut jew ċemplu fuq 99101957.

**FESTA TAL-KAPPELLA TA' KEMMUNA: is-Sibt 20 ta' Awwissu, 2022**

◊ Tberik tal-laneċ, jottijiet u dgħajjes oħra (stedina ġenerali) li jkunu f'Kemmuna mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Anton Teuma;

◊ Fis-6:45pm - Quddiesa solenni quddiem il-kappella (ikun hemm siġġijiet għal kulħadd)



N.B. Trasport minn Għawdex fil-5:30pm għall-prezz ta' €10. Il-booking huwa meħtieġ. Ċemplu lil Dun Ġużepp fuq 99847099 jew lil Ġuża Sammut fuq 99228906. Niġu lura wara l-quddiesa.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am